**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 t'Ottubru 2022**

Rikors Numru: 105/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1402/2017)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sebgha ta Lulju tas-sena elfejn u sbatax (7/7/2017)u dan hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawm anness u mmarkat bhala DokMM1.

2. Illi l-parijiet huma legalment separati u dan b'kuntratt redatt quddiem in-Nutar Joseph Debono nhar il-hmistax ta' Novembru tas-sena

elfejn u ghoxrin (15/11/2020), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok MM2.

3. Illi miz -zwieg hawn fuq imsemmi ma twieldux tfal.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li huma mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom.

6. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-konjugi u ghaldaqstant m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet A B u C D li gie ccelebrat nhar is-sebgha ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (7/7/2017);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fis-7 ta' Lulju 2017, mil-liema zwieg ma kellhomx tfal.

2. Illi l-esponenti jikkonferma wkoll li l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fil-15 ta' Novembru, 2020.

3. Illi l-esponenti jikkonferma li l-kontendenti ilhom separati għal-aktar minn sena.

4. Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar il-manteniment u m'hemmx tama għal rikonċiljazzjoni.

5. Illi flimkien ma' din ir-risposta, l-esponenti qed jippreżenta l-affidavit tiegħu in sostenn tal-premess (Dok. MV).

6. Illi għalhekk l-esponenti jissottometti li filwaqt li huwa m'għandux oġġezzjoni li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjeż kollha għal tali proċedura għandhom jiġu ssoportati mir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 2022;

Rat ir-risposta u l-affidavit tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Novembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res

judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.